IS-SILLABU AM (2021)

**IL-MALTI** **AM 22**

***SILLABU***

**AM 22 Il-Malti**

**Syllabus Addendum**

*Tibdil għas-Sessjoni tal-Eżamijiet tal-MATSEC 2021*

| | |
|---|---|
| Bidliet fil-Kontenut tas-Suġġett | -- |
| Bidliet fil-Coursework | -- |
| Bidliet fil-Karta tal-eżami | L-oral<br>• Il-kandidati mhumiex se jkunu assessjati fit-taqsima tal-oral. Il-marki għal din it-taqsima (20 marka) se jingħataw kollha.<br><br>It-Tieni Karta<br>• Taqsima A – It-titli li se jiġu ppreżentati fl-eżami se jkunu miftuħa u mhux speċifiċi. Il-kandidat se jitħalla jagħżel hu liema xogħlijiet letterarji se juża sabiex jorbot mat-titlu.<br><br>Il-Mistoqsijiet ma jkunux jassessjaw:<br>• It-ton u l-lingwaġġ figurattiv.<br>• Il-post tal-poeżija ta' Oliver Friggieri fil-kuntest tal-poeżija Maltija u r-relazzjoni tagħha miegħu.<br><br>• Taqsima B – It-titli li se jiġu ppreżentati fl-eżami se jkunu miftuħa u mhux speċifiċi. Il-kandidat se jitħalla jagħżel hu liema xogħlijiet letterarji se juża sabiex jorbot mat-titlu.<br><br>Il-Mistoqsijiet ma jkunux jassessjaw:<br>• It-ton u l-lingwaġġ figurattiv.<br>• Il-post tal-poeżija ta' Simone Galea fil-kuntest tal-poeżija Maltija u r-relazzjoni tagħha miegħu.<br><br>It-Tielet Karta<br>• Taqsima A – Il-Mistoqsijiet ma jkunux jassessjaw:<br>• It-ton u l-lingwaġġ figurattiv.<br>• Il-post tar-rumanz ta' Ġużè Bonnici fil-kuntest tal-istorja narrativa Maltija u rrelazzjoni tagħha miegħu.<br><br>• Taqsima B – Il-Mistoqsijiet ma jkunux jassessjaw:<br>• It-ton u l-lingwaġġ figurattiv.<br>• Il-post tan-novelli ta' Trevor Żahra fil-kuntest tal-istorja narrattiva Maltija u rrelazzjoni tagħha miegħu.<br><br>• Taqsima Ċ – Il-Mistoqsijiet ma jkunux jassessjaw: |

| | |
|---|---|
| | • Il-post tad-dramm ta’ Francis Ebejer fil-kuntest tal-istorja tad-dramm Malti u r-relazzjoni tiegħu miegħu. |

***MATSEC Examinations Board***
***October 2020***

**AM SILLABU** (Jingħata f'Settembru)
**IL-MALTI AM 22**
L-Oral (15-il minuta) + L-Ewwel Karta (3 sighat) + It-Tieni Karta (3 sighat) + It-Tielet Karta (3 sighat)

## Id-daħla

F'dan is-sillabu l-kandidati jsibu t-tagħrif kollu marbut mal-eżami tal-Malti tal-livell Avvanzat. B'hekk ikunu jafu x'għandhom jistudjaw u x'għandhom ikunu l-ħiliet li se jkunu eżaminati fuqhom. Dan is-sillabu jagħti wkoll it-tqassim ewlieni tal-marki li jintuża mill-eżaminaturi ta' dan l-eżami.

Is-sillabu jara li l-kandidati li jgħaddu mill-eżami jkunu laħqu l-livell:

- fil-fehim, jiġifieri li juru li kapaċi jgħarblu kitbiet ta' bixra informattiva u argumentattiva, japplikawha, janalizzawha, jissintetizzawha u jevalwawha bil-fomm u bil-kitba; u
- fl-espressjoni, jiġifieri li juru li kapaċi jesprimu b'mod kunfidenti u preċiż ideat, informazzjoni u argumenti, b'mod formali, bil-fomm u bil-kitba.

Dan is-sillabu jibni fuq dak li sar fil-livell ordinarju u jwassal għal aktar speċjalizzazzjoni fil-Malti.

## It-tqassim ġenerali tal-eżami

L-eżami għandu erba' taqsimiet ewlenin:

- l-Oral (15-il minuta; 20 marka), li jinkludi qari b'vuċi għolja u intervista dwar tema attwali;
- il-Lingwa u l-Lingwistika (3 sigħat; 60 marka), li tinkludi l-kitba ta' komponiment argumentattiv, silta ta' qari b'tema attwali b'mistoqsijiet fuqha, u l-kitba ta' komponiment tal-lingwistika;
- il-Letteratura (A) (3 sigħat; 60 marka), li tinkludi l-kitba ta' komponiment analitiku fuq poeżiji ta' Oliver Friggieri, il-kitba ta' komponiment analitiku fuq poeżiji ta' Simone Galea, u l-kitba ta' komponiment ta' analiżi kritika fuq test letterarju mhux studjat; u
- il-Letteratura (B) (3 sigħat; 60 marka), li tinkludi l-kitba ta' komponiment analitiku fuq ir-rumanz *Ħelsien* ta' Ġużè Bonnici, il-kitba ta' komponiment analitiku fuq xi novelli mill-ktieb *Xemgħat* ta' Trevor Żahra, u l-kitba ta' komponiment analitiku fuq id-dramm *Karnival* ta' Francis Ebejer (**għad-Dramm, fis-sessjonijiet tal-eżamijiet ta' Mejju u Settembru tal-2021 BISS, se jkun hemm l-għażla bejn *Karnival* u *Menz* ta' Francis Ebejer**).

Il-marki li jidhru fis-sillabu u fl-iskemi tal-marki jammontaw għal 200.

**L-Oral**
**(15-il minuta, 20 marka)**

**L-għanijiet**

F'din it-taqsima tal-eżami l-kandidati juru li għandhom ħiliet għoljin meta jiġu biex jitħaddtu u jaqraw b'vuċi għolja bil-Malti. Għaldaqstant il-kandidati huma mistennija:

- jitkellmu b'mod kunfidenti b'Malti standard u formali,
- ikomplu ma' min qed ikellimhom billi jwieġbu kull mistoqsija b'mod elokwenti,
- jirriflettu fuq tema meħuda mill-ħajja attwali,
- jagħtu fehmiethom dwar it-tema u r-raġunijiet għala waslu għalihom,
- jużaw informazzjoni li jafu fuq it-tema biex japplikawha f'oqsma oħra tal-ħajja, u minnha joffru soluzzjonijiet possibbli, u
- jaqraw b'vuċi għolja bis-sens u b'mod kunfidenti filwaqt li jirrispettaw it-ton, il-volum u r-ritmu maħsuba minn min kiteb is-silta.

**It-tqassim tal-eżami tal-oral u l-istruzzjonijiet**

L-eżami tal-oral fih erba' taqsimiet:

1. L-introduzzjoni
2. Il-preparazzjoni
3. Il-qari b'vuċi għolja
4. L-intervista

Għal skop ta' standardizzazzjoni, l-eżaminaturi mitlubin jaqraw il-mistoqsijiet miktubin tal-karta tal-eżami biss u jżommu mal-ħinijiet indikati. Il-proċedura hija mfassla fuq il-Karta Mudell tal-Oral.

Matul dan l-eżami l-kandidati u l-eżaminaturi ma jistgħux jużaw apparat elettroniku.

**1. L-introduzzjoni (minuta, bla marki)**

F'din it-taqsima l-kandidati jridu jwieġbu mistoqsijiet sempliċi bil-għan li jneħħu l-eċitament tal-bidu. Din it-taqsima ddum minuta u ma fihiex marki.

Il-mistoqsijiet ta' din it-taqsima għandhom ikunu dejjem l-istess, bħalma jidhru fil-Karta Mudell tal-Oral.

**2. Il-preparazzjoni (3 minuti, bla marki)**

F'din it-taqsima l-eżaminaturi jagħtu 3 titli minn 5 lill-kandidati u jagħtuhom nofs minuta biex jagħżlu wieħed. Malli l-kandidati jagħżlu titlu, jingħataw it-test skont it-titlu magħżul. Il-kandidati ma jistgħux jibdlu l-għażla tagħhom.

Kull test ikun magħmul minn paragrafu informattiv marbut ma' tema attwali ta' bejn 90 u 100 kelma. Fih għandu jkun hemm żewġ numri miktubin b'figura, li jistgħu jkunu data/i, ammont/i (sa miljun) jew persentaġġ/i.

Il-kandidati jkollhom 2 minuti u nofs biex jaqraw f'qalbhom it-test marbut mat-titlu li jkunu għażlu. Jistgħu jiktbu xi noti bi preparazzjoni fuq is-suġġett fuq karta li jipprovdulhom l-eżaminaturi. Il-karta bin-noti u l-karta bit-test jibqgħu quddiem il-kandidati għar-raba' taqsima tal-eżami.

### 3. Il-qari b'vuċi għolja (2 minuti, 8 marki)

Il-kandidati jintalbu jaqraw it-test li jkunu preparaw b'vuċi għolja. F'każ li jdumu iktar minn żewġ minuti biex jaqraw it-test sħiħ, l-eżaminaturi jwaqqfu din il-parti u jgħaddu għat-taqsima ta' wara. Jekk l-eżaminaturi jaraw li xi kandidat qed ibati ħafna biex jaqra t-test, għandhom iwaqqfu din it-taqsima wara tletin sekonda.

Fl-ebda mument l-eżaminaturi ma jistgħu jgħinu lill-kandidati jaqraw it-test jew xi kliem minnu.

### 4. L-intervista (9 minuti, 12-il marka)

F'din it-taqsima l-eżaminaturi jistaqsu l-mistoqsijiet fuq is-suġġett li l-kandidati jkunu ppreparaw fuqu fit-2 taqsima u qraw fit-3 taqsima. L-eżaminaturi jistaqsu lill-kandidati l-5 mistoqsijiet miktubin u kull darba jagħtu l-ħin li jkollhom il-kandidati biex iwieġbu. Il-kandidati jistgħu jirreferu għan-noti li jkunu kitbu fit-2 taqsima imma ma jistgħux jaqrawhom.

Il-mistoqsijiet jitqassmu kif ġej:

- L-ewwel mistoqsija titlob riflessjoni fuq parti mis-silta.
- It-tliet mistoqsijiet ta' wara jistaqsu 'l-kandidati l-opinjoni tagħhom flimkien mar-raġuni, fuq partijiet mis-silta u f'kuntest usa' mis-silta li jkunu qraw. F'dawn il-mistoqsijiet tkun evalwata l-ħila tal-applikazzjoni.
- Il-ħames mistoqsija tkun waħda ta' ipoteżi u li fiha l-kandidati jkunu jridu joffru soluzzjoni/jiet.

L-eżaminaturi jistaqsu l-mistoqsijiet skont il-karta tal-eżami biss u għandhom iżommu mat-9 minuti indikati. F'każ li l-kandidati jaqtgħu t-tweġibiet fil-qosor wisq, l-eżaminaturi jirrepetu l-mistoqsija darb'oħra biss biex iħeġġuhom jitkellmu iktar.

Fl-ebda mument l-eżaminaturi m'għandhom jikkummentaw fuq kif sejrin jew kif marru l-kandidati.

### 5. L-għoti tal-marka

F'din it-taqsima l-eżaminaturi jitolbu lill-kandidati joħorġu mill-kamra u jevalwaw waħedhom, skont l-osservazzjonijiet li jkunu għamlu matul l-eżami, biex jaslu għall-marka finali.

L-eżaminaturi għandhom jużaw din l-iskema tal-marki, maqsuma fi tnejn: waħda għall-qari b'vuċi għolja u l-oħra għall-intervista.

**A.**

| **Il-kompetenza fil-qari b'vuċi għolja** | | **Il-marki** |
|---|---|---|
| **1.** | Kapaċi jippronunzjaw il-kliem b'Malti standard. | **0-2** |
| **2.** | Kapaċi jaqraw bis-sens (jiġifieri jirrispettaw it-ton u l-punteġġjatura li hemm fis-silta). | **0-2** |
| **3.** | Kapaċi jaqraw b'mod mexxej (jiġifieri jirrispettaw ir-ritmu). | **0-2** |
| **4.** | Kapaċi jaqraw in-numri pprovduti fis-silta. (Il-kandidati jieħdu l-marka għal kull numru). | **0-2** |
| **It-total** | | **8** |

**B.**

| **Il-kompetenza fit-tweġib tal-mistoqsijiet tal-intervista** | | **Il-marki** |
|---|---|---|
| **1.** | Kapaċi jużaw pronunzja standard. | **0-2** |
| **2.** | Kapaċi jwieġbu b'mod relevanti kull mistoqsija. | **0-2** |
| **3.** | Kapaċi jagħtu opinjoni/jiet u r-raġuni/jiet fuq it-tema. | **0-2** |
| **4.** | Kapaċi jipotizzaw sitwazzjoni mit-tagħrif li jingħatalhom u joffru soluzzjoni/jiet possibbli. | **0-2** |
| **5.** | Kapaċi jużaw Malti idjomatiku. | **0-2** |
| **6.** | Kapaċi jużaw lessiku xieraq fid-diskors tagħhom. | **0-2** |
| **It-total** | | **12** |

**Fit-taqsima tal-intervista l-kandidati ma jistgħux iġibu iżjed minn 6 marki jekk:**

- il-Malti tagħhom huwa batut ħafna, jiġifieri miżgħud bi żbalji grammatikali u/jew lessikali (billi, ngħidu aħna, idaħħlu kliem mill-Ingliż mingħajr bżonn), u/jew
- ikunu qatgħu fil-qosor u mhux kapaċi jelaboraw it-tweġibiet tagħhom.

**L-Ewwel Karta - Il-Lingwa u l-Lingwistika**
**(3 sigħat, 60 marka)**

**L-Għanijiet**

F'din it-taqsima tal-eżami l-kandidati jridu juru li għandhom ħiliet għoljin meta jiġu biex jiktbu u jaqraw bil-Malti. Għaldaqstant il-kandidati huma mistennija:

- jiktbu b'mod elokwenti, b'Malti standard u formali skont ir-regoli uffiċjali tal-kitba,
- jesprimu ruħhom bil-kitba dwar tema attwali li jkunu qraw, u
- jirriflettu fuq temi lingwistiċi u jiktbu fuqhom.

**It-tqassim tal-eżami tal-lingwa u l-lingwistika u struzzjonijiet**

Din il-karta hija magħmula minn 3 taqsimiet:

A. il-kitba argumentattiva,
B. il-qari, u
Ċ. il-lingwistika.

Għal kull komponent il-kandidati huma mistennija jiktbu b'mod:

- organizzat,
- idjomatiku, u
- grammatikament u ortografikament korrett.

Tul dan l-eżami l-kandidati ma jistgħux jużaw apparat elettroniku u/jew kwalunkwe forma ta' kitba, stampata jew mhix.

**TAQSIMA A: Il-komponent tal-kitba argumentattiva (20 marka)**

F'din it-taqsima l-kandidati jingħataw 4 titli b'temi attwali biex jiktbu komponiment argumentattiv fuq wieħed minnhom. It-titli għandhom iservu bħala kuntest u għandu jkollhom madwar 30 kelma. Il-komponiment għandu jkun bejn 500 u 550 kelma.

F'din it-taqsima l-kandidati jridu juru li jafu:

- jiktbu kitba fit-tul mingħajr żbalji tal-lingwa,
- jorganizzaw ħsibijiethom,
- joħolqu argumenti fuq temi attwali,
- jesprimu ruħhom tajjeb bil-kitba,
- iżommu mas-suġġett li qed jiddiskutu, u
- iħaddmu Malti idjomatiku.

Il-marki jingħataw skont dawn iż-żewġ skemi:

| **A. L-użu tekniku tal-lingwa (l-ortografija, il-morfoloġija, is-sintassi u l-punteġġjatura)** | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **0** | **Marka** | **2 marki** | **3 marki** | **4 marki** | **5 marki** | **6 marki** | **7 marki** | **8 marki** |
| Iktar minn 15-il żball | Minn 13-14-il żball | Minn 11-12-il żball | Minn 9 sa 10 żbalji | Minn 7 sa 8 żbalji | Minn 5 sa 6 żbalji | Minn 3 sa 4 żbalji | Minn 1 sa 2 żbalji | Bla żbalji |

Jiġu ppenalizzati żbalji li huma repetuti wkoll.

| **B. Il-kontenut tal-kitba** | |
|---|---|
| **L-organizzazzjoni tal-kitba** | |
| **0-2 marki**<br>Kitba illoġika bi tqassim imħawwad u bla rabta bejn idea u oħra | **3-4 marki**<br>Kitba mfassla bi ħsieb u mqassma f'paragrafi li juru sens ta' loġika u sekwenza |
| **L-għarfien tas-suġġett u l-argumentazzjoni** | |
| **0-2 marki**<br>Kitba sfukata u bla sustanza u li ma turi l-ebda għarfien tas-suġġett | **3-4 marki**<br>Kitba li turi għarfien sod tas-suġġett, b'argumenti żviluppati u sostanzjati minn raġunijiet validi |
| **L-espressjoni** | |
| **0-2 marki**<br>Kitba li ma tikkomunikax, b'espressjoni fjakka, mhix naturali u mhix idjomatika | **3-4 marki**<br>Kitba ċara, mexxejja, idjomatika u naturali |

1. **Kitba li toħroġ barra mis-suġġett ma tistax tieħu iktar minn 6 marki.**
2. **Kitba li fiha inqas minn 450 kelma ma tistax tieħu iktar minn 6 marki.**

**TAQSIMA B: Il-komponent tal-qari (20 marka)**

F'din it-taqsima l-kandidati jingħataw test informattiv u/jew argumentattiv ta' bejn 600 u 650 kelma. Il-kandidati jridu jaqrawh u jifhmuh sew u wara jwieġbu 6 mistoqsijiet fuqu.

Il-mistoqsijiet jeżaminaw dawn il-ħiliet:

**1. L-għarfien (2 marki)**

Din il-mistoqsija titlob lill-kandidati jħaddmu l-għarfien li kisbu mit-test biex juru li fehmuh. Il-mistoqsija tingħata fil-format ta' *agħżel it-tajba*. Jingħataw 4 tweġibiet possibbli jixxiebhu u minnhom il-kandidati jridu jagħżlu l-unika tweġiba korretta.

**2. L-għarfien u l-applikazzjoni (4 marki)**

Jingħataw 2 kelmiet u 2 espressjonijiet idjomatiċi mit-test u l-kandidati jridu juru li fehmuhom skont il-kuntest. Jingħataw 4 tweġibiet possibbli għal kull kelma u għal kull espressjoni u minnhom il-kandidati jridu jagħżlu l-unika tweġiba korretta. Kull tweġiba għandha marka.

**3. Il-fehim u t-taqsira (5 marki)**

Din il-mistoqsija titlob lill-kandidati jiktbu paragrafu fi kliemhom ta' bejn 80 u 90 kelma fuq tema/i speċifiċi. Huma għandhom jużaw il-ħiliet tal-fehim, biex juru li fehmu t-test, u l-ħila tas-sinteżi, biex jagħżlu l-iktar punti importanti tiegħu. Għal dan l-eżami t-taqsira trid tinkiteb f'paragrafu wieħed skont il-persuna u t-temp indikati fil-mistoqsija.

Għall-fini tal-għadd tal-kliem, l-artiklu u l-prepożizzjonijiet bl-artiklu ma jitqisux bħala kliem separat. Eż: bil-karozza u l-karozza jitqiesu bħala kelma waħda.

Il-marki jingħataw skont dawn iż-żewġ skemi:

| **A. L-użu tekniku tal-lingwa (l-ortografija, il-morfoloġija, is-sintassi u l-punteġġjatura)** | | |
|---|---|---|
| **0** | **Marka** | **2 marki** |
| Iktar minn 10 żbalji | Minn 3 sa 9 żbalji | Minn 1 sa 2 żbalji |

Jiġu ppenalizzati żbalji li huma repetuti wkoll.

| **B. Il-kontenut tat-taqsira** | | | |
|---|---|---|---|
| **0** | **Marka** | **2 marki** | **3 marki** |
| Il-kandidati ma jġibu ebda marka jekk ma jidentifikaw l-ebda wieħed mill-punti ewlenin jew jekk jikkupjaw iktar minn nofs it-test | It-test miktub fi kliem il-kandidati, b'aktar minn żewġ punti importanti mħollijin barra | It-test miktub fi kliem il-kandidati, u l-punti importanti msemmijin kollha | Tingħata din il-marka f'każ li l-kandidati jiktbu taqsira bil-punti kollha importanti msemmijin b'espressjoni eċċellenti |

**4. L-analiżi (3 marki)**

Din il-mistoqsija tista' titlob lill-kandidati jużaw il-ġudizzju tagħhom biex janalizzaw fil- fond it-test. Il-mistoqsija tiffoka fuq il-ġerarkija tal-ideat u r-relazzjoni ta' bejniethom, jew l-organizzazzjoni tat-test jew parti/jiet minnu, jew l-inferenza. Il-kandidati jistgħu jintalbu jagħtu raġuni/jiet biex isostnu t-tweġiba. Marka minnhom għandha tingħata għall-ortografija.

**5. Is-sinteżi (3 marki)**

Din il-mistoqsija tista' titlob lill-kandidati jagħmlu l-konnessjoni bejn l-argumenti fit-test, jew l-ipoteżi, u minn dawn joffru soluzzjoni/jiet ġdida/ġodda. Il-kandidati jistgħu jintalbu jagħtu raġuni/jiet biex isostnu t-tweġiba. Marka minnhom għandha tingħata għall-ortografija.

**6. L-evalwazzjoni (3 marki)**

Din il-mistoqsija tista' titlob lill-kandidati jagħtu l-opinjoni/jiet fuq parti/jiet tat-test, jew fuq it-test sħiħ. Il-kandidati jistgħu jintalbu jagħtu raġuni/jiet biex isostnu t-tweġiba. Marka minnhom għandha tingħata għall-ortografija.

**TAQSIMA Ċ: Il-komponent tal-lingwistika (20 marka)**

Dan il-komponent fih żewġ taqsimiet u l-kandidati għandhom iwieġbu fuq:

1. il-komponenti kostitwenti tal-lingwa Maltija, jew
2. is-semantika fil-lingwa Maltija.

F'dan il-komponent il-kandidati jingħataw żewġ mistoqsijiet li jkunu jew fuq il-komponenti kostitwenti tal-lingwa Maltija, jew fuq is-semantika fil-lingwa Maltija. Il-kandidati jridu jagħżlu mistoqsija waħda u jiktbu bejn 450 u 500 kelma fuqha.

**1. Il-komponenti kostitwenti tal-lingwa Maltija**

Huwa mistenni li l-kandidati jkollhom għarfien essenzjali fuq:

- **Il-mixja storika tat-tiswir tal-lingwa Maltija:** Il-kandidati juru li jafu tagħrif storiku fuq minn meta beda l-Malti sal-lum.
- **Il-lessiku:** Il-kandidati juru li jafu li l-lessiku Malti huwa mibni fuq l-Għarbi, l-Isqalli, it-Taljan u l-Ingliż. Il-kandidati huma mistennija jagħtu eżempji ta' kliem ta' nisel Għarbi, Sqalli, Taljan u Ingliż fil-Malti u tal-klassifikazzjonijiet lessikali ewlenin.
- **Il-morfoloġija:** Il-kandidati juru li jafu li l-morfoloġija Maltija, fil-bażi tagħha, hija Għarbija imma matul iż-żmien daħħlet bosta aspetti morfoloġiċi Rumanzi u oħrajn mill-Ingliż. F'din it-taqsima l-kandidati huma mistennija jispjegaw dan kollu u jagħtu eżempji ta' aspetti morfoloġiċi mill-Malti mnissel mill-Għarbi, mir-Rumanz u mill-Ingliż.
- **L-integrazzjoni:** Il-kandidati juru li jafu kif xi drabi fil-Malti l-Għarbi, l-Isqalli, it-Taljan jew l-Ingliż integraw flimkien. Il-kandidati huma mistennija jagħtu eżempji ta' kliem ta' nisel Għarbi li jaħdem b'morfoloġija Rumanza u ta' kliem Rumanz u Ingliż li integra ruħu fil-morfoloġija Għarbija.

Il-kandidati għandhom jagħtu eżempji li jistgħu jkunu wkoll f'forma ta' tabella biex jispjegaw aħjar l-argumenti tagħhom.

## 2. Is-semantika fil-lingwa Maltija

Huwa mistenni li l-kandidati jkollhom għarfien essenzjali fuq:

- **Ir-relazzjoni tat-tifsir mal-kliem u x'inhuma:** (i) l-omonimi (li jinkludu l-omofoni u l-omografi), (ii) is-sinonimi (li jinkludu s-sinonimi perfetti u l-kważi sinonimi) (iii) l-antonimi, (iv) l-iperonimi u (v) l-iponimi.
- **X'inhuma r-raġunijiet li jwasslu biex ikollna daqstant:** (i) omonimi (eż. it-twaqqigħ ta' xi konsonanti Għarab wassal biex ikollna ħajt u ħajt) u (ii) sinonimi (eż. kelma teknika u kelma popolari = mard tas-sider u tuberkolożi).
- **In-neoloġiżmi u xi metodi kif dawn jinħolqu:** (i) is-self dirett minn lingwi oħrajn, (ii) it-tiswir ta' kliem ġdid minn għeruq u zkuk, (iii) kliem li diġà jinsab fil-Malti u li jiżdiedlu tifsira ġdida ma' dik li għandu, (iv) kliem kompost, inklużi l-kalki.
- **Xi jwassal biex kelma tikseb tifsira ġdida:** (i) il-metafora, (ii) l-analoġija (eż. il-ġwienaħ tal-ajruplan), (iii) is-sineddoke, (iv) il-metonimija, (v) l-iperbole, (vi) l-ewfemiżmu, (vii) it-tidjiq u t-twessigħ semantiku (viii) l-użu meljorattiv u peġġorattiv, (ix) bidliet storiċi fil-kliem (eż. vandalu, ġakbin …), u (x) l-antonomasja (eż. Ġobb = xi ħadd paċenzjuż; Salamun = xi ħadd għaref …).

Il-kandidati għandhom jagħtu eżempji li jistgħu jkunu wkoll f'forma ta' tabella biex jispjegaw aħjar l-argumenti tagħhom.

Fejn jidħol l-istudju tas-semantika, il-kandidati jrid ikollhom għarfien ġenerali tad-dinamika tas-semantika permezz tad-dizzjunarju u t-teżawru. Iridu jkunu jafu kif inhuma organizzati tipi differenti ta' dizzjunarji stampati u diġitali, skont it-tifsir ewlieni, it-tifsir sekondarju, u t-tifsir figurattiv, u l-limiti tagħhom, (għax dizzjunarju ma jistax ikopri t- tifsir kollu possibbli). Il-kandidati jridu jifhmu wkoll kif inhuma organizzati tipi differenti ta' teżawri stampati u diġitali, skont is-sinonimi u l-antonimi, u l-limiti tagħhom, (għax ma jagħtux it-tifsir tal-kliem u ma jistgħux ikopru s-sinonimi kollha).

### L-għoti tal-marka

Il-marki għal din it-taqsima jingħataw għall-użu tekniku tal-lingwa u għall-kontenut. Tintuża din l-iskema tal-marki għall-użu tekniku tal-lingwa (l-ortografija, il-morfoloġija, is-sintassi u l-punteġġjatura).

| 0 | Marka | 2 marki | 3 marki | 4 marki | 5 marki | 6 marki |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Iktar minn 12-il żball | Minn 10 sa 11-il żball | Minn 8 sa 9 żbalji | Minn 6 sa 7 żbalji | Minn 5 sa 6 żbalji | Minn 3 sa 4 żbalji | Minn 1 sa 2 żbalji |

Jiġu ppenalizzati żbalji li huma repetuti wkoll.

L-14-il marka l-oħra jingħataw fuq il-kontenut. 4 marki minn dawn jingħataw għar-relevanza tal-eżempji fit-tisħiħ tal-kontenut, filwaqt li 10 marki oħra jingħataw għall-għarfien skont dak li titlob il-mistoqsija.

Din it-taqsima m'għandhiex tingħata aktar minn 6 marki jekk iktar minn nofs il-kontenut tal-komponiment ma jkunx iwieġeb il-mistoqsija magħżula, u/jew ikun inqas minn 350 kelma.

**It-Tieni Karta**

**Il-letteratura (A)**
**(3 sigħat, 60 marka)**

**L-Għanijiet**

F'din it-taqsima l-kandidati jridu juru li għandhom il-ħila janalizzaw u jiddiskutu sew il-poeżiji li jkunu studjaw. Iridu juru wkoll li għandhom il-ħila jagħmlu analiżi kritika xierqa ta' poeżija jew silta ta' narrattiva fittizja li qatt ma jkunu raw qabel. Għaldaqstant il-kandidati jridu jkunu jafu:

- jirriflettu fuq il-poeżiji indikati hawn taħt u jiktbu fuqhom b'mod analitiku,
- janalizzaw u jagħmlu analiżi kritika ta' poeżija sħiħa kif ukoll ta' silta ta' narrattiva fittizja li qatt ma jkunu raw qabel, u
- jiktbu b'mod elokwenti, b'Malti standard u formali skont ir-regoli uffiċjali tal-kitba.

**It-tqassim tal-eżami tal-ewwel karta tal-letteratura u struzzjonijiet**

Din il-karta hija magħmula minn 3 taqsimiet:

A. komponiment dwar poeżiji ta' Oliver Friggieri,
B. komponiment dwar poeżiji ta' Simone Galea, u
Ċ. komponiment ta' analiżi kritika dwar poeżija jew silta ta' narrattiva fittizja li ma jkunux rawha qabel.

Għal kull komponent il-kandidati huma mistennija jiktbu b'mod:

- organizzat,
- idjomatiku, u
- grammatikament u ortografikament korrett.

**TAQSIMA A: Il-kitba tal-komponiment dwar poeżiji ta' Oliver Friggieri (20 marka)**

F'din it-taqsima l-kandidati jridu jwieġbu mistoqsija waħda minn tnejn f'komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma. Iridu jkunu jafu:

- il-kontenut tematiku u l-karatteristiċi stilistiċi ġenerali tal-poeżiji,
- it-temi ewlenin u temi sekondarji oħra li joħorġu mill-poeżiji,
- kif il-kontenut tematiku ta' kull poeżija joħroġ mill-istil tagħha,
- jidentifikaw il-mekkaniżmi letterarji ewlenin li jwasslu l-ħsibijiet, l-emozzjonijiet u l-esperjenzi tal-poeżija, fosthom: l-istruttura, il-ħsejjes, it-ton, ir-ritmu, il-lingwaġġ denotattiv, u l-lingwaġġ figurattiv,
- jesploraw l-effetti maħluqa mill-poeżija fuq il-qarrejja, u
- iqisu l-post tal-poeżija ta' Oliver Friggieri fil-kuntest tal-poeżija Maltija u r-relazzjoni tagħha miegħu.

**It-test**

Il-kandidati għandhom japplikaw il-ħiliet imsemmija għall-poeżiji tal-poeta Oliver Friggieri mill-kiteb *Mal-Fanal Hemm Ħarstek Tixgħel*. Il-poeżiji magħżula huma:

1. F'Misraħ il-Parlament
2. Pellegrin Distratt
3. Ribell Ġentili
4. L-Akbar Mass Meeting

5. Il-Poeta u l-Politiku
6. Karen u Raymond
7. Poeżija għal ommi
8. Hekk Biss Ikun Poeta
9. Tal-Biża' din l-Imħabba
10. Innu lil Tribù b'Żewġ Bnadar
11. Mal-Fanal Hemm Ħarstek Tixgħel
12. U Baqa' s-Skiet
13. Tgħid din Kumbinazzjoni?
14. Lil Malta
15. Fil-Bar tal-Kantuniera
16. Jekk
17. Ballata mingħajr isem
18. Fl-oċeani t'għajnejk
19. Ħarstek vjola tkanta
20. Il-kelma tal-mewġa

Il-kandidati huma mistennija jagħmlu referenzi diretti għall-poeżiji billi jikkwotaw siltiet minnhom ħalli jsaħħu l-argumenti tagħhom fil-komponiment. Il-mistoqsijiet fl-eżami ma jistgħux ikunu dwar poeżija waħda biss.

**L-għoti tal-marka**

Il-marki għal din it-taqsima jingħataw għall-użu tekniku tal-lingwa u għall-kontenut. Tintuża din l-iskema tal-marki għall-użu tekniku tal-lingwa (l-ortografija, il-morfoloġija, is-sintassi u l-punteġġjatura).

| 0 | Marka | 2 marki | 3 marki | 4 marki | 5 marki | 6 marki |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Iktar minn 12-il żball | Minn 10 sa 11-il żball | Minn 8 sa 9 żbalji | Minn 6 sa 7 żbalji | Minn 5 sa 6 żbalji | Minn 3 sa 4 żbalji | Minn 1 sa 2 żbalji |

Jiġu ppenalizzati żbalji li huma repetuti wkoll.

L-14-il marka l-oħra jingħataw għall-kontenut. 4 marki minn dawn jingħataw għall-kwotazzjonijiet, marka għal kull kwotazzjoni relevanti. 10 marki oħra jingħataw għall-għarfien skont dak li titlob il-mistoqsija.

Din it-taqsima m'għandhiex tingħata aktar minn 6 marki jekk iktar minn nofs il-kontenut tal-komponiment ma jkunx iwieġeb il-mistoqsija magħżula, u/jew ikun inqas minn 350 kelma.

**TAQSIMA B: Il-kitba tal-komponiment dwar poeżiji ta' Simone Galea (20 marka)**

F'din it-taqsima l-kandidati jridu jwieġbu mistoqsija waħda minn tnejn f'komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma. Iridu jkunu jafu:

- il-kontenut tematiku u l-karatteristiċi stilistiċi ġenerali tal-poeżiji,
- it-temi ewlenin u temi sekondarji oħra li joħorġu mill-poeżiji,
- kif il-kontenut tematiku ta' kull poeżija joħroġ mill-istil tagħha,
- jidentifikaw il-mekkaniżmi letterarji ewlenin li jwasslu l-ħsibijiet, l-emozzjonijiet u l-esperjenzi tal-poeżija, fosthom: l-istruttura, il-ħsejjes, it-ton, ir-ritmu, il-lingwaġġ denotattiv, u l-lingwaġġ figurattiv,
- jesploraw l-effetti maħluqa mill-poeżija fuq il-qarrejja, u

- iqisu l-post tal-poeżija ta' Simone Galea fil-kuntest tal-poeżija Maltija u r-relazzjoni tagħha miegħu.

**It-test**

Il-kandidati għandhom japplikaw il-ħiliet imsemmija għall-poeżiji tal-poetessa kontemporanja Simone Galea mill-kiteb *Xi Drabi Mqar Persuna* . Il-poeżiji magħżula huma:

1. Il-mara tal-vistu
2. Il-magħmudija ta' binti
3. Ballun tal-ġilda
4. It-tfal tal-ħarifa
5. Ġurnata l-baħar
6. Stajt xtaqt
7. Magħmul
8. Imħabbtek bħall-mewġ
9. Ġinekoloġija
10. Jum il-mejtin
11. Qbadtni mmiss il-kotba tiegħek
12. Jekk xi darba titlef sajf
13. Bewsa
14. Ħija li qatt ma kelli
15. Oasi fid-deżert tal-Ariżona
16. Rajtek darba
17. Bejn tnejn
18. Poeta toħlomx
19. Jekk tħobbni, niktiblek poeżija
20. Ħajjitna mergħa ħadra f'nofs il-Belt

Il-kandidati huma mistennija jagħmlu referenzi diretti għall-poeżiji billi jikkwotaw siltiet minnhom ħalli jsaħħu l-argumenti tagħhom fil-komponiment. Il-mistoqsijiet fl-eżami ma jistgħux ikunu dwar poeżija waħda biss.

**L-għoti tal-marka**

Il-marki għal din it-taqsima jingħataw għall-użu tekniku tal-lingwa u għall-kontenut. Tintuża din l-iskema tal-marki għall-użu tekniku tal-lingwa (l-ortografija, il-morfoloġija, is-sintassi u l-punteġġjatura).

| 0 | Marka | 2 marki | 3 marki | 4 marki | 5 marki | 6 marki |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Iktar minn 12-il żball | Minn 10 sa 11-il żball | Minn 8 sa 9 żbalji | Minn 6 sa 7 żbalji | Minn 5 sa 6 żbalji | Minn 3 sa 4 żbalji | Minn 1 sa 2 żbalji |

Jiġu ppenalizzati żbalji li huma repetuti wkoll.

L-14-il marka l-oħra jingħataw għall-kontenut. 4 marki minn dawn jingħataw għall-kwotazzjonijiet, marka għal kull kwotazzjoni relevanti. 10 marki oħra jingħataw għall-għarfien skont dak li titlob il-mistoqsija.

Din it-taqsima m'għandhiex tingħata aktar minn 6 marki jekk iktar minn nofs il-kontenut tal-komponiment ma jkunx iwieġeb il-mistoqsija magħżula, u/jew ikun inqas minn 350 kelma.

**TAQSIMA Ċ: Il-komponiment ta’ analiżi kritika ta’ poeżija jew silta narrattiva fittizja (20 marka)**

F’din it-taqsima l-kandidati jridu jwieġbu mistoqsija waħda minn tnejn f’komponiment ta’ bejn 450 u 500 kelma. Fil-karta tal-eżami joħorġu (i) żewġ poeżiji sħaħ ta’ mhux iktar minn 40 vers il-waħda u li minnhom il-kandidati jagħżlu waħda biex jagħmlu analiżi tagħha, jew inkella (ii) żewġ siltiet ta’ narrattiva fittizja ta’ madwar 400 kelma u l-kandidati jagħżlu waħda minnhom biex jagħmlu analiżi tagħha.

Fil-każ tal-analiżi kritika tal-poeżija, il-kandidati m’għandhomx jagħmlu taqsira tat-test magħżul. Huma jridu jkunu kapaċi:

- jistħarrġu l-poeżija bħala xogħol sħiħ, daqskemm biċċa biċċa bħala ġabra ta’ elementi li jsawruha f'ħaġa waħda,
- jagħrfu kif il-ħsibijiet, l-emozzjonijiet u l-esperjenzi tal-poeżija jitwasslu permezz ta’ elementi differenti fl-istil tal-kitba, fosthom l-istruttura (jew l-arkitettura) u t-tqassim tal-istrofi, il-ħsejjes, it-ton, ir-ritmu, il-lessiku, u l-lingwaġġ figurattiv,
- jidentifikaw it-temi ewlenin u temi sekondarji oħra li joħorġu mill-poeżija, u
- jesploraw l-effetti maħluqa mill-poeżija fuq il-qarrejja u kif jinħolqu permezz tal-kontenut u l-istil.

Fil-karta tal-eżami għandha tidher din l-istruzzjoni:

**F’dan it-taħrig "tirrakkuntax" il-poeżija magħzula; tagħtix sempliċiment lista tal-elementi letterarji li hemm fiha. Il-poeżija trid tistħarriġha fiha nfisha skont il-binja tagħha, jiġifieri bħala xogħol li l-forma tiegħu, b'elementi bħall-arkitettura tal-versi u l-istrofi u bħal-lingwaġġ figurattiv, twassal il-kontenut tematiku, l-assoċjazzjonijiet mentali, l-ambigwitajiet, l-allużjonijiet, l-emozzjonijiet, is-sensazzjonijiet, u l-bqija. Agħti importanza ewlenija lil elementi bħall-vuċi, it-ton, ir-ritmu, il-ħsejjes, l-għażla tal-kliem, il-metafora, is-similtudni, il-metonimija, il-metrika, il-binja tal-versi, u t-tqassim tal-istrofi, u stħarreġ fuq kollox l-effetti li dawn joħolqu.**

Fil-każ tal-analiżi kritika tas-silta ta’ narrattiva fittizja, il-kandidati m’għandhomx jagħmlu taqsira tat-test magħżul. Huma jridu jkunu kapaċi:

- jagħrfu kif il-ħsibijiet, l-emozzjonijiet u l-esperjenzi tas-silta narrattiva jitwasslu permezz ta’ elementi differenti fl-istil tal-kitba, fosthom l-istruttura (jew l-arkitettura) u t-tqassim tal-paragrafi, il-ħsejjes, it-ton, ir-ritmu, il-lessiku, u l-lingwaġġ figurattiv,
- jistħarrġu elementi tan-narratoloġija li huma sinifikanti fil-każ tas-silta magħżula bħan-narratur jew in-narratriċi, il-karatterizzazzjoni, l-ambjentazzjoni, u d-diskors dirett u indirett,
- jidentifikaw it-temi ewlenin u t-temi sekondarji oħra li joħorġu mis-silta, u
- jesploraw l-effetti maħluqa mis-silta fuq il-qarrejja u kif jinħolqu permezz tal-kontenut u l-istil.

Fil-karta tal-eżami għandha tidher din l-istruzzjoni:

**F’dan it-taħriġ tippruvax tagħmel sempliċiment taqsira tal-kontenut tematiku tas-silta magħżula; tirrakkuntax fi kliemek dak li diġà hemm irrakkontat fis-silta. Is-silta ta’ proża trid tistħarriġha fiha nfisha skont il-binja tagħha – narrattiva, deskrittiva, riflessiva, jew il-bqija – daqskemm bħala l-ġabra tal-elementi li jsawruha f’ħaġa waħda. Agħti importanza ewlenija lil min qed jirrakkonta l-istorja u kif qed jirrakkontaha, jiġifieri b’liema vuċi u minn liema perspettiva; it-ton; ir-ritmu; il-lingwaġġ sensorju; l-għażla tal-kliem; il-partijiet tat-taħdit; il-**

**lingwaġġ figurattiv; il-binja sintattika; u kulma jirrendiha letterarja. Stħarreġ fuq kollox l-effetti li dawn l-għażliet joħolqu.**

**L-għoti tal-marka**

Il-marki għal din it-taqsima jingħataw għall-użu tekniku tal-lingwa u għall-kontenut. Tintuża din l-iskema tal-marki għall-użu tekniku tal-lingwa (l-ortografija, il-morfoloġija, is-sintassi u l-punteġġjatura).

| 0 | Marka | 2 marki | 3 marki | 4 marki | 5 marki | 6 marki |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Iktar minn 12-il żball | Minn 10 sa 11-il żball | Minn 8 sa 9 żbalji | Minn 6 sa 7 żbalji | Minn 5 sa 6 żbalji | Minn 3 sa 4 żbalji | Minn 1 sa 2 żbalji |

Jiġu ppenalizzati żbalji li huma repetuti wkoll.

L-14-il marka l-oħra jingħataw skont il-ħiliet tal-analiżi kritika elenkati f'din it-taqsima. Din

it-taqsima m'għandhiex tingħata aktar minn 6 marki jekk iktar minn nofs il-kontenut tal-komponiment ma jkunx iwieġeb il-mistoqsija magħżula, u/jew ikun inqas minn 350 kelma.

**It-Tielet Karta**

**Il-letteratura (B)**
**(3 sigħat, 60 marka)**

**L-Għanijiet**

F'din it-taqsima l-kandidati huma mistennija jkunu jafu jinterpretaw xogħlijiet letterarji u japprezzaw il-valuri tagħhom. Iridu juru li għandhom il-ħila janalizzaw u jiddiskutu sew il-kotba ta' narrattiva li jkunu studjaw. Għaldaqstant il-kandidati jridu:

- jirriflettu fuq il-kotba kollha indikati hawn taħt u jiktbu fuqhom b'mod analitiku, u
- jiktbu b'mod elokwenti, b'Malti standard u formali skont ir-regoli uffiċjali tal-kitba,

**It-tqassim tal-eżami tat-tieni karta tal-letteratura u struzzjonijiet**

Din il-karta hija magħmula minn 3 taqsimiet:

A. komponiment dwar ir-rumanz *Ħelsien* ta' Ġużè Bonnici,
B. komponiment dwar in-novelli *Xemgħat* ta' Trevor Żahra, u
Ċ. komponiment dwar id-dramm *Karnival* ta' Francis Ebejer.

Għal kull komponent il-kandidati huma mistennija jiktbu b'mod:

- organizzat,
- idjomatiku, u
- grammatikament u ortografikament korrett.

## TAQSIMA A: Il-kitba tal-komponiment dwar ir-rumanz *Ħelsien* ta' Ġuże Bonnici (20 marka)

F'din it-taqsima l-kandidati jridu jwieġbu mistoqsija waħda minn tnejn f'komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma. Iridu jkunu jafu l-istrutturi u l-valuri estetiċi li jsawru rumanz filwaqt li jkunu jafu:

- x'inhu r-rumanz u kif inhu differenti minn ġeneri oħra,
- ir-rabta bejn il-kontenut tematiku u l-karatteristiċi stilistiċi ġenerali tar-rumanz,
- il-plott,
- it-tip ta' narratur u l-kontroll tiegħu fuq il-ġrajja,
- il-karatterizzazzjoni tal-protagonist/i u tal-karattri sekondarji, l-interazzjoni ta' bejniethom, u sehemhom fl-iżvilupp tal-ġrajja,
- it-tonijiet u l-lingwaġġ figurattiv,
- l-ambjentazzjoni u kif din tgħin fl-iżvilupp tar-rakkont,
- jesploraw l-effetti maħluqa mir-rumanz fuq il-qarrejja, u
- iqisu l-post tar-rumanz ta' Ġużè Bonnici fil-kuntest tal-istorja narrativa Maltija u r-relazzjoni tagħha miegħu.

### It-test

Il-kandidati għandhom japplikaw il-ħiliet imsemmija għar-rumanz *Ħelsien* tal-kittieb Ġużè Bonnici, maħruġ l-ewwel darba fl-1939.

Il-kandidati huma mistennija jagħmlu referenzi diretti għar-rumanz ħalli jsaħħu l-argumenti tagħhom fil-komponiment.

### L-għoti tal-marka

Il-marki għal din it-taqsima jingħataw għall-użu tekniku tal-lingwa u għall-kontenut. Tintuża din l-iskema tal-marki għall-użu tekniku tal-lingwa (l-ortografija, il-morfoloġija, is-sintassi u l-punteġġjatura).

| 0 | Marka | 2 marki | 3 marki | 4 marki | 5 marki | 6 marki |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Iktar minn 12-il żball | Minn 10 sa 11-il żball | Minn 8 sa 9 żbalji | Minn 6 sa 7 żbalji | Minn 5 sa 6 żbalji | Minn 3 sa 4 żbalji | Minn 1 sa 2 żbalji |

Jiġu ppenalizzati żbalji li huma repetuti wkoll.

L-14-il marka l-oħra jingħataw fuq il-kontenut. 4 marki minn dawn jingħataw għar-relevanza tal-eżempji fit-tisħiħ tal-kontenut, filwaqt li 10 marki oħra jingħataw għall-għarfien skont dak li titlob il-mistoqsija.

Din it-taqsima m'għandhiex tingħata aktar minn 6 marki jekk iktar minn nofs il-kontenut tal-komponiment ma jkunx iwieġeb il-mistoqsija magħżula, u/jew ikun inqas minn 350 kelma.

## TAQSIMA B: Il-kitba tal-komponiment dwar novelli ta' Trevor Żahra (20 marka)

F'din it-taqsima l-kandidati jridu jwieġbu mistoqsija waħda minn tnejn f'komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma. Iridu jkunu jafu l-istrutturi u l-valuri estetiċi li jsawru n-novella filwaqt li jkunu jafu:

- x'inhi novella u kif inhi differenti minn ġeneri oħra,
- ir-rabta bejn il-kontenut tematiku u l-karatteristiċi stilistiċi ġenerali tan-novelli,
- il-mekkaniżmi tal-plott u kif dan jista' jvarja minn novella għal oħra,
- it-tipi ta' narraturi differenti u l-kontroll tagħhom fuq il-ġrajja li qed jirrakkontaw,
- il-karatterizzazzjoni tal-protagonist/i u ta' wħud mill-karattri sekondarji, l-interazzjoni ta' bejniethom, u sehemhom fl-iżvilupp tal-ġrajja,
- it-tonijiet u l-lingwaġġ figurattiv,
- l-ambjentazzjoni u kif din tgħin fl-iżvilupp tar-rakkont,
- jesploraw l-effetti maħluqa min-novelli fuq il-qarrejja, u
- iqisu l-post tan-novelli ta' Trevor Żahra fil-kuntest tal-istorja narrattiva Maltija u r-relazzjoni tagħha miegħu.

### It-test

Il-kandidati għandhom japplikaw il-ħiliet imsemmija għan-novelli mill-ktieb *Xemgħat* ta' Trevor Żahra.

Il-kandidati huma mistennija jagħmlu referenzi diretti għan-novelli ħalli jsaħħu l-argumenti tagħhom fil-komponiment. Il-mistoqsijiet fl-eżami ma jistgħux ikunu dwar novella waħda biss.

In-novelli magħżula huma dawn:

1. Vari
2. Ħanut tal-ħelu
3. Ħġieġ
4. Taħt fanal mitfi
5. Cherry
6. Pjanu
7. Boċċa tal-ħġieġ
8. Għadd
9. Gerita
10. Is-Suġġeritur
11. Rmied
12. Ġebel u tafal

**L-għoti tal-marka**

Il-marki għal din it-taqsima jingħataw għall-użu tekniku tal-lingwa u għall-kontenut. Tintuża din l-iskema tal-marki għall-użu tekniku tal-lingwa (l-ortografija, il-morfoloġija, is-sintassi u l-punteġġjatura).

| 0 | Marka | 2 marki | 3 marki | 4 marki | 5 marki | 6 marki |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Iktar minn 12-il żball | Minn 10 sa 11-il żball | Minn 8 sa 9 żbalji | Minn 6 sa 7 żbalji | Minn 5 sa 6 żbalji | Minn 3 sa 4 żbalji | Minn 1 sa 2 żbalji |

Jiġu ppenalizzati żbalji li huma repetuti wkoll.

L-14-il marka l-oħra jingħataw fuq il-kontenut. 4 marki minn dawn jingħataw għar-relevanza tal-eżempji fit-tisħiħ tal-kontenut, filwaqt li 10 marki oħra jingħataw għall-għarfien skont dak li titlob il-mistoqsija.

Din it-taqsima m'għandhiex tingħata aktar minn 6 marki jekk iktar minn nofs il-kontenut tal-komponiment ma jkunx iwieġeb il-mistoqsija magħżula, u/jew ikun inqas minn 350 kelma.

**TAQSIMA Ċ: Il-kitba tal-komponiment dwar *Karnival* ta' Francis Ebejer (20 marka)**

F'din it-taqsima l-kandidati jridu jwieġbu mistoqsija waħda minn tnejn f'komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma. Iridu jkunu jafu l-istrutturi u l-valuri estetiċi li jsawru dramm filwaqt li jkunu jafu:

- x'inhu dramm u kif inhu differenti minn ġeneri oħra,
- id-dramm bħala kitba li nkitbet biex tiġi rreċtata,
- it-tip ta' dramm,
- ir-rwol tad-didaskalija,
- it-temi li jqanqal id-dramm,
- il-mekkaniżmi tal-plott,
- il-karatterizzazzjoni tal-protagonist/i u tal-karattri sekondarji, l-interazzjoni ta' bejniethom, u sehemhom fl-iżvilupp tad-dramm,
- it-ton u t-tip ta' lingwaġġ użat mill-karattri,
- il-lingwaġġ figurattiv,
- l-ambjentazzjoni u kif din tgħin fl-iżvilupp tad-dramm,
- jesploraw l-effetti maħluqa mid-dramm fuq il-qarrejja, u
- iqisu l-post tad-dramm ta' Francis Ebejer fil-kuntest tal-istorja tad-dramm Malti u r-relazzjoni tiegħu miegħu.

Il-kandidati huma mistennija jagħmlu referenzi diretti għad-dramm ħalli jsaħħu l-argumenti tagħhom fil-komponiment.

**L-għoti tal-marka**

Il-marki għal din it-taqsima jingħataw għall-użu tekniku tal-lingwa u għall-kontenut. Tintuża din l-iskema tal-marki għall-użu tekniku tal-lingwa (l-ortografija, il-morfoloġija, is-sintassi u l-punteġġjatura).

| 0 | Marka | 2 marki | 3 marki | 4 marki | 5 marki | 6 marki |
|---|---|---|---|---|---|---|

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Iktar minn 12-il żball | Minn 10 sa 11-il żball | Minn 8 sa 9 żbalji | Minn 6 sa 7 żbalji | Minn 5 sa 6 żbalji | Minn 3 sa 4 żbalji | Minn 1 sa 2 żbalji |

Jiġu ppenalizzati żbalji li huma repetuti wkoll.

L-14-il marka l-oħra jingħataw fuq il-kontenut. 4 marki minn dawn jingħataw għar-relevanza tal-eżempji fit-tisħiħ tal-kontenut, filwaqt li 10 marki oħra jingħataw għall-għarfien skont dak li titlob il-mistoqsija.

Din it-taqsima m'għandhiex tingħata aktar minn 6 marki jekk iktar minn nofs il-kontenut tal-komponiment ma jkunx iwieġeb il-mistoqsija magħżula, u/jew ikun inqas minn 350 kelma.